

Brussell, 14 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9301/24

AUDIO 56
CULT 47
TELECOM 165
DIGIT 126
SOC 329
EDUC 155
EMPL 190

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-influenzaturi bħala ħallieqa ta' kontenut online

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-influwenzaturi bħala ħallieqa ta' kontenut online

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

1. L-influwenzaturi huma parti mill-ekosistema globali tal-media. Peress li l-media soċjali u l-pjattaformi ta' video-sharing użati mill-influwenzaturi huma parti mill-ħajja ta' kuljum għal ħafna Ewropej, l-influwenzaturi għandhom impatt dejjem akbar fuq il-kontenut u l-informazzjoni online li l-Ewropej jikkunsmaw fuq bażi regolari;
2. Il-media soċjali u l-pjattaformi ta' video-sharing qed isiru element integrali fl-iżvilupp ta' fehmiet personali, imġiba, involviment soċjali u identità, inkluż l-iżvilupp psikosoċjali, b'mod partikolari matul l-adolessenza. Minħabba d-diversità ta' influwenzaturi, kważi kulħadd jista' jsib komunità online u jsaħħaħ is-sens ta' appartenenza tiegħu. L-influwenzaturi għalhekk jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-udjenza tagħhom;
3. Minbarra l-effetti pożittivi, il-kontenut maħluq mill-influwenzaturi u l-imġiba tagħhom online jistgħu wkoll ikunu ta' ħsara għall-individwi, kif ukoll għas-soċjetà kollha kemm hi. Is-saħħa mentali u fiżika tal-udjenza tagħhom, b'mod partikolari dik tal-minorenni, tista' tiġi affettwata b'mod negattiv mir-riskji inerenti għall-ambjent online bħall-bullying ċibernetiku, il-miżinformazzjoni jew id-diżinformazzjoni u tqabbil mal-influwenzaturi li mhuwiex tajjeb għas-saħħa. Barra minn hekk, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni kondiviżi minn xi influwenzaturi jista' jkollhom ukoll impatt negattiv fil-livell soċjetali f'oqsma bħas-saħħa pubblika u d-demokrazija;

4. L-impatt tal-influwenzaturi jestendi lil hinn mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom. L-influwenzaturi għandhom impatt fuq l-udjenja tagħhom li jista' jaffettwa l-attitudnijiet demokratiċi, il-valuri u l-opinjoni politiki, kif ukoll is-saħħa, l-attitudnijiet personali u d-deċiżjonijiet dwar il-karriera. Jeħtieġ li jkunu konxji tal-impatt tagħhom u għandhom ikollhom il-ħiliet meħtieġa biex jimmanigġawh u jrawmu preżenza online pożittiva u kostruttiva;
5. L-influwenzaturi jużaw il-ħiliet tekniċi u kreattivi tagħhom biex jipproduċu u jeditjaw il-kontenut. Għandhom ikollhom ħiliet fil-litteriżmu fil-media bħall-ħsieb analitiku u kritiku u għandhom iġibu ruħhom b'mod responsabbli. Għandhom ikollhom sens ta' responsabbiltà lejn l-udjenja tagħhom u jifhmu l-impatt potenzjali tal-attivitajiet tagħhom inkluż il-prattiki kummerċjali tagħhom. Għandhom ikunu partikolarment konxji tal-impatt potenzjali li l-kondiviżjoni tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni, tad-diskors ta' mibegħda online, tal-bullying ċibernetiku u ta' kontenut illegali jew ta' ħsara ieħor jista' jkollha fuq l-udjenja tagħhom u l-benesseri tagħha. Barra minn hekk, għandhom ikunu jafu kif jirreaġixxu b'mod xieraq meta jiffaċċjaw dawn il-kwistjonijiet;
6. L-influwenzaturi għandhom impatt sinifikanti fuq l-individwi, il-komunitajiet, is-soċjetà kollha kemm hi u l-ekosistema tal-media. Appoġġ mogħti lilhom biex jifhmu l-obbligi legali rilevanti u d-drittijiet tagħhom kif ukoll biex isaħħu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tagħhom jista' jkollu effett pożittiv kemm fuq l-influwenzaturi kif ukoll fuq l-udjenja tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxi għal xenarju tal-media online aktar sikur;

7. Peress li l-kidfluencers huma minorenni, il-ġenituri, it-tuturi tagħhom u persuni adulti oħra li jindukraw iġorru r-responsabbiltà għall-benesseri u s-sensibilizzazzjoni tal-imġiba online responsabbli tal-kidfluencers skont l-età tagħhom. Din ir-responsabbiltà tonqos hekk kif jikbru l-kidfluencers. Il-ġenituri, it-tuturi u l-indokraturi għandhom jinfurmaw lilhom infushom u lill-kidfluencers tagħhom dwar l-obbligi u d-drittijiet legali rilevanti u jsaħħu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tagħhom;
8. F'ħafna każijiet l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew korpi kompetenti oħra diġà jinfurmaw lill-influwenzaturi dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti u jivverifikaw il-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni applikabbli, pereżempju r-regolaturi awdjoviżivi jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji li jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)¹, u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur u korpi kompetenti oħra jivverifikaw il-konformità mal-liġi tal-konsumatur tal-UE bħad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (UCPD)² u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (CRD)³;
9. Il-politiki, l-interfaċċi, il-funzjonalitajiet u l-algoritmi tal-pjattaformi online użati mill-influwenzaturi kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-UE fuq dawn il-pjattaformi għandhom impatt fuq l-attivitajiet tal-influwenzaturi u l-kontenut li joħolqu;

¹ ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1 u OJ L 303, 28.11.2018, p. 69

² ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22

³ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64

10. L-influwenzaturi huma grupp varjat ħafna bi ftit organizzazzjonijiet rappreżentattivi li jistgħu jassumu rwol ta' appoġġ. Hemm aġenziji lokali u internazzjonali tal-influwenzaturi iżda dawn jiffukaw prinċipalment fuq ir-rappreżentanza tal-interessi kummerċjali tal-influwenzaturi li jaħdmu magħhom;
11. Il-politiki eżistenti tal-UE dwar il-litteriżmu fil-media u dak diġitali jiffukaw fuq il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-udjenza tal-influwenzaturi, inkluż il-minorenni, biex jgħinuhom jinvolvu ruħhom b'mod kritiku fil-kontenut online żviluppat u mxerred mill-influwenzaturi. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' fehim kritiku tal-interessi kummerċjali u soċjetali li jistgħu jirfdu l-kontenut maħluq u l-bini ta' reżiljenza kontra drawwiet online mhux tajbin għas-saħħa u prattiki dannużi, inkluż il-kondiviżjoni tal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni;
12. Minbarra l-inizjattivi eżistenti li għandhom fil-mira l-litteriżmu fil-media tal-udjenza tal-influwenzaturi, hemm bżonn li jkomplu jissaħħu l-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tal-influwenzaturi nfushom;

FILWAQT LI JFAKKRU LI

13. Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni għal kulħadd, inkluż l-influwenzaturi u l-udjenzi tagħhom, huwa minqax fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;
14. L-AVMSD tista' tapplika għall-attivitajiet tal-influwenzaturi sa fejn l-attivitajiet tagħhom jikkwalifikaw bħala servizzi tal-media awdjoviżiva, b'varjetà ta' approċi meħuda mill-Istati Membri f'dan il-qasam⁴. Hija timponi rekwiżiti relatati ma' kwistjonijiet bħat-trasparenza u l-ekwità tal-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi u l-protezzjoni tal-minorenni u gruppi vulnerabbli oħra minn kontenut potenzjalment ta' ħsara. L-AVMSD tistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi għall-kontenut awdjoviżiv fuq pjattaformi ta' video-sharing, li għandhom impatt fuq kif l-influwenzaturi joperaw fuq dawn il-pjattaformi u l-kwalità tal-kontenut li jipprovdu. Fl-aħħar nett, l-AVMSD tippromwovi wkoll ħiliet ta' litteriżmu fil-media għall-utenti kollha tal-pjattaformi ta' video-sharing, dawk li jużaw pjattaformi ta' video-sharing biex jikkunsmaw kontenut u dawk li jużaw pjattaformi ta' video-sharing biex iqassmu kontenut li ħolqu. Dan tagħmlu billi tirrikjedi li l-pjattaformi ta' video-sharing jipprovdu għodod ta' litteriżmu fil-media u billi tirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu u jieħdu miżuri biex jiżviluppaw dawk il-ħiliet;

⁴ Ara l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) (2021), "Analysis and recommendations concerning the regulation of vloggers" (Analiżi u rakkomandazzjonijiet dwar ir-regolamentazzjoni tal-vloggers), ERGA (2022), "How to identify and localise vloggers and regulate their commercial communication? (Kif tidentifika u tillokalizza l-vloggers u tirregola l-komunikazzjoni kummerċjali tagħhom?), ERGA (2023), "Learning from the practical experiences of NRA in the regulation of vloggers" (Nitgħallmu mill-esperjenzi prattiċi tal-ARN fir-regolamentazzjoni tal-vloggers), u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (2022), "Mapping report on the rules applicable to video-sharing platform — Focus on commercial communications" (Rapport ta' mmappjar dwar ir-regoli applikabbli għall-pjattaformi ta' video-sharing — Fokus fuq il-komunikazzjoni kummerċjali).

15. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)⁵ stabbilixxa regoli u obbligi armonizzati għall-fornituri tal-pjattaformi online, li spiss jintużaw mill-influwenzaturi bħala l-mezzi magħżulin tagħhom biex ixerrdu l-kontenut, fir-rigward tal-kontenut illegali u ta' ħsara intermedjat permezz tas-servizzi tagħhom, inkluż id-diżinformazzjoni, il-kontenut li huwa ta' ħsara għall-minorenni u gruppi vulnerabbli oħra, u l-promozzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati kif ukoll regoli dwar it-trasparenza tal-kontenut kummerċjali. Għalhekk id-DSA għandu impatt fuq il-mod kif l-influwenzaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-pjattaformi online biex ixerrdu l-kontenut tagħhom;
16. L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)⁶ jistabbilixxi regoli armonizzati li għandhom l-għan li jipproteġu s-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni ambjentali mill-impatti ta' ħsara tal-IA, filwaqt li jippromwovi IA affidabbli u ċentrata fuq il-bniedem u jappoġġa l-innovazzjoni. Dan jobbliga lill-influwenzaturi li jistgħu jużaw l-IA fil-proċess tal-produzzjoni biex jastjenu minn ċerti Prattiki tal-IA pprojbiti, jinfurmaw lill-udjenza tagħhom meta jkunu qed jinteraġixxu ma' sistema tal-IA u jittikkettaw b'mod ċar id-deepfakes;
17. Ir-Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku⁷ japplika għall-influwenzaturi meta jipprovdu reklamar politiku skont ir-Regolament. Jistabbilixxi obbligi għall-influwenzaturi biex jinkludu t-tikkettar u informazzjoni oħra dwar ir-reklami tagħhom li l-fornituri tal-pjattaformi online jridu jiffaċilitaw, u jaffettwa kif l-influwenzaturi jistgħu jxerrdu dan it-tip ta' kontenut;

⁵ ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1

⁶ ĠU L...

⁷ ĠU L...

18. L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA)⁸ jistabbilixxi regoli komuni għall-funzjonament xieraq tas-suq intern għas-servizzi tal-media, filwaqt li jissalvagwardja ambjent tal-media indipendenti u pluralistiku, li jista' jkollu impatt fuq l-attivitajiet tal-influwenzaturi, pereżempju meta l-influwenzaturi jkunu kwalifikati bħala fornituri tas-servizzi tal-media;
19. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)⁹ jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar u l-protezzjoni ta' data personali u regoli relatati mal-moviment liberu tad-data personali. Dawn ir-regoli jista' jkollhom impatt fuq l-attivitajiet tal-influwenzaturi.
20. Il-liġijiet Ewropej tal-konsumatur bħall-UCPD u s-CRD japplikaw għall-attivitajiet kummerċjali tal-influwenzaturi, pereżempju meta jippromwovu jew japprovaw negozji jew trademarks, jirreklamaw prodotti jew ibiġġu servizzi online lill-konsumaturi. L-UCPD tirrikjedi li l-komunikazzjonijiet kummerċjali kollha jiġu żvelati b'mod ċar lill-konsumaturi, irrispettivament minn liema teknoloġija jew mezz jintuża biex issir din il-komunikazzjoni bejn in-negozji u l-konsumaturi. Tipprojbixxi wkoll lill-influwenzaturi milli jippreżentaw lilhom infushom b'mod falz bħala konsumaturi u milli jagħmlu kwalunkwe appell dirett lit-tfal biex jixtru l-prodotti.
21. Il-liġijiet Ewropej dwar il-proprjetà intellettuali jipprovdu lill-influwenzaturi b'għodod biex jipproteġu u jippromwovu l-ħidma tagħhom filwaqt li jappoġġaw il-kreattività tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-liġijiet tal-proprjetà intellettuali jipprojbixxu lill-influwenzaturi milli jirriproduċu jew jagħmlu disponibbli għall-pubbliku kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur u/jew drittijiet relatati maħluqa minn oħrajn mingħajr awtorizzazzjoni;

⁸ ĠU L...

⁹ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1

22. L-Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK +)¹⁰ għandha l-għan li tiżgura li l-minorenni jiġu protetti, rispettati u awtonomi online fid-Deċennju Diġitali l-ġdid f'konformità mal-Prinċipji Diġitali Ewropej¹¹. Dan jinkludi miżuri li jappoġġaw esperjenzi sikuri u adatti għall-età għall-minorenni fuq il-media soċjali u l-pjattaformi ta' video-sharing, l-awtonomizzazzjoni diġitali, u l-parteciġazzjoni attiva tat-tfal u taż-żgħażaġh;
23. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tirrikonoxxi d-drittijiet tat-tfal, inkluż il-kidfluencers, bħad-dritt għall-privatezza u d-dritt li jkunu protetti kontra l-isfruttament ekonomiku;
24. L-Unjoni Ewropea trawwem il-litteriżmu fil-media tal-Ewropej, inkluż il-minorenni, permezz ta' politiki u strumenti bħall-Programm Ewropa Kreattiva¹², Erasmus+¹³, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà¹⁴, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali¹⁵ u l-AVMSD, pereżempju permezz ta' miżuri ta' litteriżmu fil-media adottati fil-livell nazzjonali, u billi tappoġġa l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u ċ-ċentri reġjonali tiegħu madwar l-Unjoni;
25. Iċ-Ċentru Legali tal-Influwenzaturi (ILH) żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea fih ġabra ta' materjal li jinkludi korsijiet ta' taħriġ bil-vidjo, sommarji legali bil-miktub u ħarsiet ġenerali lejn liġijiet u kawżi importanti, kif ukoll links għal awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-konsumatur u riżorsi oħrajn. Permezz ta' dawn ir-riżorsi, l-influwenzaturi u l-pubbliku ġenerali jistgħu jiffamiljarizzaw lilhom infushom mal-istandards Ewropej tal-protezzjoni tal-konsumatur li jeħtieġ li jiġu applikati fir-reklamar, fil-bejgħ tal-oġġetti u fil-forniment tas-servizzi;

¹⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/strategy-better-internet-kids>

¹¹ Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1.

¹² ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34

¹³ ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1

¹⁴ ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32

¹⁵ COM/2020/624 final

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI XIERQA:

26. Iqisu r-rilevanza dejjem tikber tal-influwenzaturi fl-ekosistema globali tal-media u l-applikazzjoni ta' strumenti eżistenti kif xieraq, kif ukoll it-tfassil ta' inizjattivi ta' litteriżmu fil-media għall-influwenzaturi u l-udjenzi tagħhom;
27. Jiffaċilitaw id-djalogu politiku mal-influwenzaturi, inkluż permezz ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi emerġenti;
28. Jagħmlu sforz biex jiżguraw li l-influwenzaturi jifhmu l-leġislazzjoni nazzjonali u Ewropea rilevanti u jikkonformaw magħha, inkluż l-atti legali msemmija hawn fuq, billi jagħmlu r-regoli applikabbli disponibbli b'mod faċilment aċċessibbli u li jinftiehem;
29. Jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi emerġenti biex b'mod sistematiku jqajmu kuxjenza fost l-influwenzaturi dwar ir-rwol tagħhom fl-ekosistema tal-media u l-impatt li għandhom fuq l-udjenza tagħhom;
30. Jappoġġaw l-iżvilupp konsistenti ta' approċċ koerenti għat-tisħiħ tal-ħiliet fil-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tal-influwenzaturi permezz ta' miżuri azzjonabbli bħal programmi ta' taħriġ, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u inizjattivi li jsaħħu l-ħsieb analitiku u kritiku tagħhom;
31. Jesploraw possibbiltajiet għall-iskambju ta' Prattiki tajba bejn l-organizzazzjonijiet li jassumu rwol ta' appoġġ għall-influwenzaturi, bħal organizzazzjonijiet rappreżentattivi emerġenti u aġenziji tal-influwenzaturi permezz ta' inizjattivi bħal fora ta' diskussjoni jew ċentri tal-ġharfien;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

32. Tirrifletti dwar approċċ koerenti għall-influwenzaturi fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, b'enfasi fuq l-imġiba responsabbli, inkluż billi jitrawmu mekkaniżmi awtoregulatorji pan-Ewropej, filwaqt li jitqiesu l-obbligi legali tagħhom u d-drittijiet tagħhom kif ukoll jissaħħu l-ħiliet tagħhom fil-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli bil-ħsieb li jiġu promossi l-benesseri diġitali u prattiki online tajbin għas-saħħa;
33. Tesplora l-potenzjal tal-appoġġ eżistenti fil-fondi tal-UE u l-programmi tal-UE relatati mal-edukazzjoni fil-media u l-litteriżmu fil-media biex tappoġġa organizzazzjonijiet li jaħdmu biex itejbu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tal-influwenzaturi kif ukoll tesplora sinerġiji bejn dawn l-istrumenti;
34. Tagħmel ħilitha biex iżżomm l-ILH aġġornat mal-iżviluppi tal-politika tal-media tal-UE rilevanti għall-influwenzaturi u tippreżenta l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni b'mod faċilment aċċessibbli u li jinftiehem bħall-komunikazzjoni mal-influwenzaturi bil-lingwa tagħhom stess. Tesplora modi kif tiġi inkluża informazzjoni dwar inizzjattivi li jsaħħu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media u l-imġiba responsabbli tal-influwenzaturi, bħal programmi ta' taħriġ, għodod u materjali;
35. Tirrifletti fil-kuntest tal-Istrateġija BIK+ dwar l-impatt tal-influwenzaturi fuq il-minorenni, u dwar il-pożizzjoni tal-kidfluencers u l-impatt fuq il-benesseri tagħhom;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

36. Jiżviluppaw politiki u strumenti biex irawmu mgħiba responsabbli mill-influwenzaturi lejn l-udjenza tagħhom filwaqt li jkomplu l-inizjattivi biex isaħħu l-litteriżmu fil-media u dak diġitali tal-udjenza tal-influwenzaturi;
37. Jinkoraġġixxu u jappoġġaw, b'modi rilevanti, organizzazzjonijiet rappreżentattivi emerġenti, aġenziji tal-influwenzaturi, ditti u atturi rilevanti oħra fl-iżvilupp ta' korpi jew mekkaniżmi awtoregulatorji, inkluż kodiċi etiku possibbli jew inizjattivi simili għall-influwenzaturi;
38. Jinvolvu influwenzaturi fl-iżvilupp ta' dawk l-aspetti tal-politika tal-media li jista' jkollhom impatt fuqhom;
39. Irawmu l-bini tal-ġharfien u r-riċerka dwar il-pożizzjoni u l-benesseri tal-kidfluencers u r-rwol tal-influwenzaturi fl-ekosistema tal-media, inkluż l-impatt li għandhom fuq is-soċjetà u b'mod partikolari fuq il-minorenni, filwaqt li jibnu fost affarijiet oħra fuq ir-riżultati tal-proġetti Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa¹⁶;
40. Jevalwaw ir-riżultati tal-miżuri meħudin biex jiġu appoġġati l-influwenzaturi u ffaċilitat l-iskambju ta' prattiki tajbin rigward l-appoġġ għall-influwenzaturi madwar l-Istati Membri;
41. Jiżguraw li l-miżuri mmirati lejn il-minorenni skont l-istrateġija BIK+ ikomplu jagħtu s-setgħa lill-ġenituri u lit-tuturi bl-ġhodod it-tajba u jżommu l-pass mal-ambjent diġitali li qed jevolvi kontinwament u jinkludu wkoll l-impatt fuq u tal-influwenzaturi;
42. Iqisu r-riflessjoni dwar l-effetti taż-żieda fl-użu tal-IA mill-influwenzaturi u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar skont l-Att dwar l-IA.

¹⁶ Pereżempju DIACOMET - <https://cordis.europa.eu/project/id/101094816>

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill,

"Influwenzaturi" huma kreaturi ta' kontenut online li jippowstjaw kontenut fuq il-media soċjali jew fuq pjattaformi ta' video-sharing li permezz tagħhom ikollhom impatt fuq is-soċjetà, l-opinjoni pubblika u l-fehmiet personali tal-udjenza tagħhom, spiss murija permezz tar-relazzjoni tagħhom, ibbażata fuq l-awtentiċità, mal-udjenza tagħhom. L-influwenzaturi spiss ikollhom intenzjoni kummerċjali u jinvolve ruħhom ma' atturi kummerċjali permezz ta' mudelli ta' negozju differenti għal skopijiet ta' monetizzazzjoni. L-influwenzaturi jistgħu jinvolve ruħhom ukoll f'attivitajiet offline, bħal patroċinju, meet-and-greets u linji ta' prodotti. Dawn l-attivitajiet offline ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.

"Kidfluencer" jew "influwenzatur tifel jew tifla" huma influwenzaturi taħt l-età ta' 18-il sena.
